

# News Releases



# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: It-Tieni Kwart tal-2023

NR149/2023 Data tal-Ħruġ: 22 ta' Awwissu 2023 Data tal-Għeluq: 10 ta' Awwissu 2023

*Matul it-tieni kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 2.7 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Meta mqabbel mal-istess żmien tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied bi 13.6 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fit-tieni kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 2.7 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Kienu rreġistrati żidiet fil-gruppamenti industrijali ewlenin kollha. L-ogħla żieda dehret fl-oġġetti tal-konsum (7.4 fil-mija). Warajha kien hemm iż-żieda fl-enerġija (2.1 fil-mija), fl-oġġetti kapitali (2.0 fil-mija) u fl-oġġetti intermedji (0.8 fil-mija) (Tabella nru 1).

Fl-oqsma industrijali, l-għadd ta' impjiegi aġġustat għall-effetti tal-istaġun naqas b'0.4 fil-mija (Tabella nru 3). Matul dan il-perjodu, is-sigħat maħduma żdiedu b'0.3 fil-mija (Tabella nru 5), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross telgħu b'1.5 fil-mija (Tabella nru 7).

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied bi 13.6 fil-mija. Iż-żidiet dehru fl-oġġetti tal-konsum (20.6 fil-mija), fl-oġġetti kapitali (13.6 fil-mija) u fl-oġġetti intermedji (12.9 fil-mija). Kien irreġistrat tnaqqis ta' 1.0 fil-mija fl-enerġija (Tabella nru 2).

Sena għal sena, uriet ruħha żieda ta' 2.1 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat għall-effetti tal-istaġun (Tabella nru 4). In-numru ta' sigħat maħduma fl-industrija u l-pagi u s-salarji gross, aġġustati bil-jiem tax-xogħol, żdiedu b'1.2 fil-mija (Tabella nru 6) u bi 8.4 fil-mija (Tabella nru 8) rispettivament.

## Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

